

Rikors ippreżentat fit-3 ta' Settembru 2012 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tas-Slovenja

(Kawża C-407/12)

(2012/C 331/25)

Lingwa tal-kawża: is-Sloven

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: P. Hetsch, L. Nicolae u M. Žebre)

Konvenuta: Ir-Repubblika tas-Slovenja

Talbiet

- tikkonstata li, billi ma adottatx il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi kollha neċessarji għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2009/140/KE ⁽¹⁾ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Novembru 2009, li temenda d-Direttivi 2002/21/KE ⁽²⁾, dwar qafas regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi, 2002/19/KE ⁽³⁾ dwar l-aċċess għal, u l-interkonnessjoni ta', networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u faċilitajiet assoċjati, u 2002/20/KE ⁽⁴⁾ dwar l-awtorizzazzjoni ta' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, jew, fi kwalunkwe każ, billi ma kkomunikathomx lill-Kummissjoni, ir-Repubblika tas-Slovenja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 5 tal-imsemmija direttiva;
- tikkundanna skont l-Artikolu 260(3) TFUE lir-Repubblika tas-Slovenja minħabba l-ksur tal-obbligu ta' komunikazzjoni fir-rigward tal-miżuri ta' traspożizzjoni kollha tad-Direttiva 2009/136/KE, għall-ħlas ta' pagamenti ta' penalità ta' kuljum ta' EUR 6 531,84 mill-ġurnata li fiha tingħata s-sentenza f'din il-kawża;
- tikkundanna lir-Repubblika tas-Slovenja għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

It-terminu għat-traspożizzjoni tad-direttiva skada fil-25 ta' Mejju 2011.

⁽¹⁾ ĠU L 337, p. 37.

⁽²⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 349.

⁽³⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 323.

⁽⁴⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 337.

Appell ippreżentat fis-7 ta' Settembru 2012 minn medi GmbH & Co. Ltd mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla) fit-12 ta' Lulju 2012 fil-Kawża T-470/09 — medi GmbH & Co. KG vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

(Kawża C-410/12 P)

(2012/C 331/26)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Appellanti: medi GmbH & Co. Ltd (rappreżentant: D. Terheggen, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Talbiet tal-appellanti

- tannulla b'mod sħiħ tad-deċiżjoni appellata tal-Qorti Ġenerali (sentenza tat-12 ta' Lulju 2012, T-470/09);
- tilqa' b'mod integrali t-talbiet iffornulati fl-ewwel istanza fir-rikors indirizzat lill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea u emendati fil-kuntest tas-seduta tat-2 ta' Mejju 2012, kif attestat fil-proċess verbali tas-seduta.

Aggravji u argumenti prinċipali

Dan l-appell huwa intiż kontra s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Lulju 2012 fil-Kawża T-470/09, li permezz tagħha din il-qorti ċaħdet ir-rikors ippreżentat minn medi GmbH & Co. KG kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern tal-1 ta' Ottubru 2009 (R 692/2008-4), dwar ir-reġistrazzjoni tas-sinjal verbali "medi" bħala trade mark Komunitarja.

Essenzjalment l-appellanti tibbażppell tagħha fuq l-aggravju segwenti:

Il-Qorti Ġenerali applikat b'mod żbaljat l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja ⁽¹⁾ sa fejn hija qieset li s-sinjal verbali "medi" ma għandux il-karattru distintiv minimu meħtieġ għal trade Komunitarja. L-appellanti tqis li din id-dikjarazzjoni ma hijiex eżatta, peress li dan is-sinjal verbali ma jikkostitwixxix, għall-konsumatur medju kkonċernat li jitkellem bil-lingwa Ingliża, taqsima komuni tat-terminu "medicine".

⁽¹⁾ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja, ĠU L 78, p. 1.